MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 696/2002

**Fabio Spiteri f'ismu proprju kif ukoll in rapresentanza u bhala kuratur deputat biex jirraprezenta l-interessi t'ibnu Aidan Emanuel Spiteri li twieled nhar l-10 t'April 1997 u llum ghandu hames snin u xahrejn**

**vs**

**Paula Helen Caruana**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

1. Illi nhar it-Tlieta, hdax ta' Gunju, tas-sena elfejn u tnejn (11.06.2002), l-attur ottjena l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1333/02 fl-ismijiet: "Fabio Spiteri vs Paula Helen, Caruana", tali hrug ta' mandat awtorizzat mill-Prim'Awla tal-l-Qorti Civili kif ippreseduta mill-

Onorevoli Imhallef Carmelo sive Carmelino Farrugia Sacco LL.D.

2. Illi, kopja legali u awtentikata ta' tali Mandat ta' Inibizzjoni biex iwaqqaf persuna milli tiehu minuri barra minn Malta, mandat numru 1333/02 jinsab hawn mehmuz fl-elenku tad-dokumenti u mmarkat bhala dokment FS1.

3. Illi kopja fotostatika tal-Karta ta' l-Identita' tal-attur u kopja fotostatika tal-passaport tal-attur kif ukoll kopja fotostatika tal-inkluzzjoni ta' iben l-attur fil-passaport tal-istess attur u dettalji bazici dwar il-konvenuta Paula Helen Caruana jinsabu mehmuza bhala dokument wiehed immarkat dokument FS2 fl-elenku tad-dokumenti mac-citazzjoni odjerna, u dan ghat-taghrif ufficjali ta' dina l-Wisq Onorabbli Qorti.

4. Illi l-kontendenti ghamlu zmien johorgu u jikkoabitaw ma xulxin u mir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom twieled tifel li semmewh AIDAN EMANUEL fil-Pieta Malta nhar il-Hamis, ghaxra ta' April, tal-elf disa' mija sebgha u disghin (10.04.1997), iben l-attur u l-konvenuta, li ghandha parentela tirrizjedi fir-Renju Unit, purche' hija wkol cittadina maltija u anke ghandha residenza fil-gzejjer Maltin.

5. Illi qed jigi mehmuz dokument FS3 li huwa certifikat awtentikat mir-Registru Pubbliku ta' Malta fil-Belt Valletta li jindika t-twelied tal-minuri Aidan Emanuel Spiteri, certifikat li ghandu n-numru ta' l-iskrizzjoni 1480/1997 li jinsab hawn mehmuz fl-elenku tad-dokumenti bhala dokument FS3, u li jaghti d-dettalji kollha dwar il-parentela tal-imsemmi minuri Aidan Emanuel Spiteri.

6. Illi l-konvenuta qed tintima regolarment li hija ghandha sieheb iehor fl-Ingilterra u li hemm provi li dina sejra ssiefer jew tista' ssiefer biex tiltaqa' ma dan is-sieheb fl-Ingilterra u hemm possibiltajiet ukoll li jista' jkun hemm proceduri ulterjuri fir-rigward tal-hajja privata tal-istess konvenuta, b'mod illi jekk ikun hekk il-kaz din tiehu maghha lil minuri Aidan Emanuel Spiteri mill-Gzejjer Maltin, haga li l-attur, il-missier tal-minuri Aidan Emanuel

Spiteri ma jridx li ssehh u dan fl-interess suprem tal-minuri li llum ghandu hames snin u xahrejn, biex b'hekk l-attur ikun jista' jserrah rasu dwar il-mod kif qed jikber il-minuri, l-edukazzjoni u l-htigijiet bazici tieghu, u affarijiet li kull missier jixtieq fir-rigward tat-tfal li jkollu.

7. Illi ghalhekk l-attur ha l-prekawzjonijiet skond il-Ligijiet ta' Malta biex il-minuri ma jithalliex johrog barra mill-gzejjer Maltin, proceduri li raw il-frott taghhom fil-mandat ta' Inibizzjoni numru 1333/02 datat hdax ta' Gunju, tas-sena elfejn u tnejn (11.06.2002), u fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba tal-attur biex il-minuri jibqa' mizmum fil-gzejjer Maltin fl-interess suprem tieghu u dan ghar-ragunijiet kif jirrizultaw fil-mori ta' din il-kawza.

8. Illi dan kollu tghid il-konvenuta li tifhem sew bl-ilsien Malti, ghala din il-Wisq Onorabbli Qorti m'ghandiex tevalwa, taqta', tiddeciedi u tordna illi:

(1) fl-interess suprem tal-minuri AIDAN EMANUEL SPITERI, l-istess minuri ghandu jibqa' mizmum fl-gzejjer Maltin sakemm jinholqu cirkostanzi adegwati fl-interess tal-istess minuri li tali minuri ikun jista' jithalla johrog minn barra l-gzejjer Maltin,

(2) illi fic-cirkostanzi l-Mandat ta' Inibizzjoni biex iwaqqaf persuna milli tiehu minuri barra minn Malta, numru 1333/02 - CFS fl-ismijiet: "Spiteri Fabio, iben Joseph u Rose Marie nee' Montanaro imwieled Attad nhar id-19 ta' Gunju, 1974, ta' 27 sena, I.d. numru 334974 (M) - versus - Caruana Paula Helen, bint Emanuel Caruana u Shirley Ann, xebba, imwielda nhar id-19 ta' Frar, 1975", tali mandat ghandu jibqa' *in vigore* sakemm ma jkunx hemm ragunijiet legalment gustifikabbli li tali mandat ghandu jigi revokat u l-ordni tal-Qorti tal-hdax ta' Gunju, tas-sena elfejn u tnejn (11.06.2002), tigi b'hekk rivertata;

(3) ghandha tinghata jekk dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust fic-cirkostanzi l-kura u l-kustodja tal-minuri Aidan Emanuel Spiteri lil attur fl-eventwalita' li ommu lkonvenuta thalli l-Gzejjer Maltin, sia' permanentement jew temporanjament, u dana biex fl-

ebda stadju l-minuri Aidan Emanuel Spiteri ma jkunx deprevat minn kura u kustodja ta' wiehed mill-genituri tieghu, fic-cirkostanzi, tal-attur, li huwa cittadin Malti, jahdem Malta, u jirrizjedi permanentement fil-gzejjer Maltin;

(4) ghandha tinghata dik ir-retta alimentari xierqa u gusta lil minuri mill-konvenuta Caruana Paula Helen skond iccirkostanzi socjali u l-mezzi finanzjarji taghha, biex b'hekk is-salvagwardar tal-edukazzjoni, il-manteniment, u ledukazzjoni generali tal-istess minuri jibqghu jigu mharsa mhux biss mill-attur imma anke mill-konvenuta ommu;

(5) fl-eventwalita' tal-kontumacja tal-konvenuta Caruana Paula Helen, ghandhom jinhatru kuraturi deputati biex jirrapprezentawha mmedjatament minn din l-Onorabbli Qorti, biex il-prosegwiment ta' din il-kawza bl-ebda mod ma jigi mfixkell fl-interess tal-gustizzja u biex il-gustizzja mhux biss issir imma tidher li qed issir,

(6) l-attur ghandu jigi mahtur formalment bhala kuratur deputat biex jirrapprezenta lill-ibnu minuri f'din il-kawza odjerna u fl-atti kollha sussegwenzjali u konsegwenzjali, ancillari jew incidentali ghal din ic-citazzjoni odjerna, biex b'hekk l-interessi supremi tal-imsemmi minuri jkunu ghal kull buon fini fil-fatt u fid-dritt dejjem qeghdin jigu mharsa bl-ahjar mod possibbli;
(7) ghandhom jinghataw il-provedimenti kollha opportuni li din il-Qorti jidhrilha xieraq u gust li taghti u tordna fid-dawl u a bazi tat-talbiet tal-attur kif hawn jirrizultaw suesposti.

Bl-ispejjez kollha gudizzjarji u extra gudizzjarji, kontra l-konvenuta Caruana Paula Helen li minn issa tigi ngunt INSUBIZZJONI.

B'rizerva ta' kwalsiasi azzjoni ohra ta' danni spettanti lill-attur kontra l-konvenuta rizultanti mill-provi li jinstemghu fil-mori ta' din il-kawza u a bazi tas-sentenza definittiva li tigi pprununzjata mill-Qrati tal-Gustizzja tar-Republika ta' Malta.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 6 sa 9 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 10 sa 25 tal-process;

Rat in-nota tal-konvenuta tal-14 t'Ottubru 2002 (fol 31 tal-process).

Rat il-verbal tat-12 ta' Novembru 2002 fejn l-attur ikkonferma d-dikjarazzjoni attrici bil-gurament tieghu u in vista tan-nota tal-konvenuta l-attur talab li jirregola ruhu fir-rigward tat-talbiet attrici.

Rat in-nota tal-attur tad-29 ta' Novembru 2002 fejn l-attur zamm ferm l-ewwel zewg talbiet tieghu u rtira formalment it-tielet, ir-raba', l-hames, is-sitt u s-seba' talbiet attrici u talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza.

Rat il-verbal tal-11 ta' Dicembru 2002 fejn Dr Lorraine Schembri Orland ghall-attrici u Dr Emy Bezzina ghall-konvenut qablu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta' Jannar 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija kawza fejn il-missier qed jitlob illi l-minuri iben ukoll il-konvenuta ma jithalliex isiefer minn dawn il-gzejjer, u din il-kawza hija konsegwenti ghall-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet premessi li gie degretat fil-11 ta' Gunju 2002; min-naha taghha l-konvenuta b'nota taghha prezentata fl-14 t'Ottubru 2002 ddikjarat li hija m'ghandha ebda ntenzjoni li ssiefer lill-istess minuri barra minn Malta hlief li wara talba *ad hoc* hija ssiefru ghall-perjodi biex jara lil qraba tieghu barra minn Malta.

Illi minn dak indikat fic-citazzjoni u fl-istess nota jidher li l-istess minuri huwa cittadin u domiciljat Malta u jidher li l-

hajja tieghu tirrizulta li hija stabbli f'dan il-pajjiz tant li anke l-konvenuta ndikat diversi familjari taghha li jinsabu wkoll Malta. Illi ghalhekk fic-cirkostanzi l-ewwel zewg talbiet attrici ghandhom jigu milqugha bil-mod kif ser jigi deciz b'dan li l-istess minuri jkun jista' jsiefer minn dawn l-gzejjer biss wara ordni tal-Qorti fuq talba *ad hoc* minn wahda mill-partijiet jekk ic-cirkostanzi jkunu tali f'dawk il-proceduri.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt u s-seba' talba attrici stante c-cessjoni taghhom permezz ta' nota tad-29 ta' Novembru 2002 u **tilqa' l-ewwel zewg talbiet attrici** b'dan illi:

(1) fl-interess suprem tal-minuri AIDAN EMANUEL SPITERI, l-istess minuri ghandu jibqa' jirrisjedi f'dawn il-gzejjer Maltin sakemm jinholqu cirkostanzi adegwati fl-interess tal-istess minuri li tali minuri ikun jista' jithalla johrog minn barra l-gzejjer Maltin, u din id-decizjoni ghandha tibqa' *in vigore* sakemm l-istess minuri jsir maggorenni, salv jekk xi parti tigi awtorizzata li tiehu l-minuri barra minn Malta b'Digriet jew Decizjoni *ad hoc* tal-Qorti kompetenti Maltija, u biss ghar-ragunijiet u ghat-termini li jigu specifikati fl-istess decizzjoni.

(2) Tikkonferma l-Mandat ta' Inibizzjoni biex iwaqqaf persuna milli tiehu minuri barra minn Malta, numru 1333/02 - CFS fl-ismijiet: "Spiteri Fabio, iben Joseph u Rose Marie nee' Montanaro imwieled Attad nhar id-19 ta' Gunju, 1974, ta' 27 sena, I.d. numru 334974 (M) - versus - Caruana Paula Helen, bint Emanuel Caruana u Shirley Ann, xebba, imwielda nhar id-19 ta' Frar, 1975", b'dan li tali mandat ghandu jibqa' *in vigore* sakemm ma jkunx hemm ragunijiet legalment gustifikabbli li tali mandat jigi revokat u b'hekk id-decizjoni odjerna ghandha tibqa' ssehh sakemm l-istess minuri jsiru maggorenni, salv jekk xi parti tigi awtorizzata li tiehu l-minuri barra minn Malta b'Digriet jew Decizjoni *ad hoc* tal-Qorti kompetenti Maltija,

u biss ghar-ragunijiet u ghat-termini li jigu specifikati fl-istess decizzjoni. Tordna illi din is-sentenza definittiva tkun notifikata mill-attur lill-Kumissarju tal-Pulizija, lill-Ufficcjal Ewlieni tad-Dwana ta' Malta u lill-Ufficcjal Ewlieni fl-Ufficcju tal-Passaporti u dak fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Mandat ta' inibizzjoni numru 1333/02 kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**9 ta' Jannar 2003**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**9 ta' Jannar 2003**